# ID-DAWL

NOVEMBRU 2018

NUMRU 11

## "L-aqwa fostkom huma dawk li għandhom l-aħjar karattru."

Imġiba Xierqa | It-tkabbir ta' Leħja | Iż-żjara tal-Kalif | Id-Drittijiet tan-Nisa

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IL-JUM INTERNAZZJONALI TAT-TOLLERANZA

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Kull sena, madwar id-dinja, is-16 ta' Novembru jiġi ċċelebrat bħala l-Jum Internazzjonali tat-Tolleranza biex jippromovi l-valuri tat-tolleranza, tal-armonija u tar-rispett; u biex ikattar l-għarfien pubbliku dwar il-perikli tal-intolleranza. Il-ġurnata ntgħażlet mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda fl-1996, wara ċ-ċelebrazzjoni tas-sena 1995 bħala s-Sena tat-Tolleranza.

Il-kelma 'tolleranza' tfisser ir-rieda li taċċetta jew tittollera, speċjalment opinjonijiet jew imġibiet li inti ma tantx taqbel magħhom, jew li ġġib ruħek sewwa ma' dawk li huma differenti minnek. Tfisser li turi rispett lejn ir-razza, il-ġeneru, l-opinjoni, ir-reliġjon u l-ideoloġija ta' individwi jew gruppi oħra, u li tapprezza l-kwalitajiet u l-ħidmiet tajba ta' oħrajn. U li tispjega fehmietek b'mod diċenti u dinjituż filwaqt li tirrispetta s-sentimenti tal-oħrajn.

Naħseb li ż-żmien jeħtieġ li iktar milli vendetta jew ritaljazzjoni, huwa ferm aħjar li nuru tjubija u sabar u nżommu l-ogħla livelli possibbli tat-tolleranza u tal-armonija.

**ID-DAWL**
Novembru 2018 – Numru 11 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Il-Qoxra:** Allies Interactive | Shutterstock - Zurijeta | Shutterstock pġ4

# IMĠIBA XIERQA

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr:

"L-aqwa fostkom huma dawk li għandhom l-aħjar karattru." (Bukhari)

"Agħmlu l-affarijiet sempliċi u mhux tikkumplikawhom; u ferrħu lin-nies u le tnaffruhom." (Bukhari)

"Xejn ma jkun ta' siwi għal qaddej fidil f'Jum il-Ġudizzju aktar mill-imġiba tajba tiegħu. Alla ma jiħux gost b'dak li għandu lsienu laxk." (Tirmizi)

"Tridu ngħidilkom b'dawk li n-Nar ma jistax imiss? M'għandux permess imiss lil dawk kollha li huma aċċessibbli, sempliċi, rotob u ġentili." (Tirmizi)

# L-ARROGANZA U L-MAKAKKERIJA

"L-arroganza u l-makakkerija huma ħżiena. Żball żgħir jista' jeqred it-tajjeb kollu li jkun twettaq matul ħafna snin. Huwa miktub li raġel qaddis li kien jgħix fuq muntanja fejn kienet ilha ma tinżel xita għal ħafna żmien, ħass, darba meta għamlet ix-xita fuq il-ġebel u l-blat ukoll, li l-ilma kien bżonjuż għall-għelieqi u għall-ġonna u li ħafna minnu li waqa' fuq dawn tal-aħħar kien tassew inħela. Kien ikun ta' fejda ħafna akbar kieku l-ilma niżel fl-għelieqi maħduma. Minħabba f'hekk Alla ċaħħdu mill-qdusija kollha tiegħu. Huwa tnikket bil-bosta u fittex l-għajnuna mingħand persuna qaddisa oħra li fl-aħħar qaltlu li hu kien offenda 'l Alla billi kkritika b'mod arroganti l-ġenerożità Tiegħu."

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as],
il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Malfuzat*, V. VI, p. 57)

# GĦALIEX L-IRĠIEL MUSULMANI GĦANDHOM IL-LEĦJA?



Il-Musulmani jfittxu li jsegwu l-eżempju nobbli tal-Profeta tal-Iżlam – Muħammad[sa]. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kellu l-leħja u kien jilbes turban, żewġ użanzi komuni għad-dehra tal-irġiel ta' dik l-epoka u pajjiż. Madanakollu, dawn ma kinux isiru biss biex wieħed isegwi t-tradizzjoni.

It-tkabbir tal-leħja ilu assoċjat mad-devozzjoni u l-virilità għal eluf ta' snin fost ħafna kulturi u ċiviltajiet u huwa komuni f'ħafna reliġjonijiet. Fis-Sikiżmu, il-leħja titqies bħala parti mid-dinjità u t-tjubija tal-irġiel. Fil-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu, il-qassisin tal-imgħoddi ħafna drabi kienu jkabbru l-leħja u t-tqaxxir tagħha kien jitqies bħala sinjal ta' għajb u diżunur. (1-Kronaki 19:4-5)

L-Iżlam kompla b'din it-tradizzjoni sabiħa, fejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien iħeġġeġ it-tkabbir tal-leħja u jgħid:

**"Żommu l-mustaċċi qosra u kabbru l-leħja."** (Bukhari)

Minn din it-tradizzjoni (diskors) jidher li m'hemmx daqs jew stil wieħed għal-leħja, iżda din għandha tkun itwal mill-mustaċċi. Il-mustaċċi m'għandhomx jitneħħew kompletament u lanqas m'għandhom ikunu twal ħafna għaliex it-tradizzjoni tgħid li l-mustaċċi għandhom jiġu 'mirquma'. Il-leħja turi wkoll il-ġmiel ta' raġel għaldaqstant għandha tinżamm nadifa wkoll.

**"It-tkabbir ta' leħja huwa wieħed mis-sinjali tan-natura."** (Muslim)

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien ukoll ikabbar il-leħja, u l-Koran Imqaddes jgħid lil kull Musulman li jekk int tħobb lil Alla mela għandek issegwi lill-Profeta mbagħad Alla jħobb lilek ukoll. (Ch.3: V.32)

Biex isegwu l-eżempju nobbli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] l-irġiel Musulmani jkabbru l-leħja.

# TOLLERANZA RELIĠJUŻA

Darba waqt iż-żmien tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, delegazzjoni Nisranija minn Najran waslet Medina biex ikollha taħditiet dwar ir-reliġjonijiet mal-Musulmani. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] laqa' d-delegazzjoni b'ospitalità kbira, u kellu diskussjonijiet magħhom għal ħafna jiem fil-moskea tiegħu f'Medina bl-isem ta' 'il-Moskea tal-Profeta'.

Darba minnhom waqt diskussjoni d-delegazzjoni Nisranija talbet il-permess biex toħroġ barra għal xi ħin. Il-Profeta Muħammad[sa] staqsiehom: "Għaliex tridu toħorġu barra?"

Huma wieġbu: "Wasal il-ħin tat-talb u nixtiequ noħorġu biex nitolbu barra l-moskea."

Il-Profeta[sa] qal: "Din hija wkoll id-dar ta' Alla; tistgħu titolbu u tqimu f'din il-moskea." U tahom lok fil-moskea tiegħu u ħareġ barra mal-kumpanni tiegħu ħalli l-Insara jkunu jistgħu jitolbu b'faċilità skont il-fidi u t-twemmin tagħhom. Dan huwa eżempju mill-aqwa tat-tolleranza u l-armonija reliġjuża.


## IL-KONVENZJONI ANNWALI

### (JALSA SALANA)

UNITÀ - IMĦABBA

PAĊI - TBISSIM

FRATERNITÀ

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta se torganizza l-konvenzjoni annwali tagħha nhar **il-Ħadd 2 ta' Diċembru 2018** l-Imsida. Inti ġentilment mistieden għal din il-laqgħa li ssir kull sena. Jekk jogħġbok ibagħtilna imejl fuq **amjmalta@gmail.com** biex tirċievi l-programm u stedina formali għal din il-konvenzjoni.

# IŻ-ŻJARA TAL-KALIF FL-ISTATI UNITI

Il-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Ħames Kalif, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, jinsab fuq ir-raba' żjara tiegħu fl-Istati Uniti mindu nħatar bħala Kalif fl-2003. Matul iż-żjara tiegħu fl-Istati Uniti, il-Qdusija Tiegħu għandu jinawgura tliet moskej, jiltaqa' ma' dinjitarji u uffiċjali lokali, kif ukoll jiltaqa' personalment mal-membri tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana.




Fid-19 t'Ottubru 2018, il-Qdusija Tiegħu inawgura l-Moskea *'Baitul Aafiyat'* (id-Dar tas-Sigurtà), l-ewwel moskea tan-natura tagħha ġewwa Philadelphia; u fl-20 t'Ottubru 2018 inawgura l-Moskea 'Baitus Samad' ġewwa Baltimore, l-Istati Uniti.

**Is-Sindku ta' Philadelphia, James Kenny, ippreżenta ċ-ċavetta tal-belt ta' Philadelphia lill-Qdusija Tiegħu bħala sinjal ta' rispett u apprezzament.**







Il-Qdusija Tiegħu Itaqa' mad-dinjitarji u uffiċjali tal-gvern fosthom is-Sindku ta' Philadelphia, James Kenny, u l-Membru tal-Kungress Dwight Evans, Senatur Amerikan għal Maryland, Ben Cardin, u l-Onorevoli John Wobensmith, Segretarju tal-Istat ta' Maryland. Il-Qdusija Tiegħu Itaqa' wkoll ma' membri mill-istampa u wieġeb mistoqsijiet dwar l-għanijiet tal-moskej u suġġetti oħra relatati.










# L-IŻLAM U D-DRITTIJIET TAN-NISA

L-ebda reliġjon ma pproteġiet id-drittijiet tan-nisa daqskemm għamel l-Iżlam. Huwa jiddikjara dan il-kmand bl-aktar mod ċar:

**"Bħalma l-irġiel għandhom id-drittijiet fuq in-nisa,**
**hekk ukoll in-nisa għandhom id-drittijiet fuq l-irġiel."**
[Il-Koran Imqaddes, 2:229]

Jingħad fuq ċertu nies li dawn jittrattaw lin-nisa tagħhom bħaż-żraben u jġagħluhom jagħmlu l-aktar faċendi skabrużi. Huma jabbużaw minnhom u jkażbruhom u jinforzaw l-ordni dwar il-velu b'tant ħruxija li kważi jidfnuhom ħajjin.

**Ir-relazzjoni bejn raġel u mara għandha tkun bħal dik ta' żewġt iħbieb veri u sinċieri.**

Wara kollox, hija l-mara x-xhud ewlieni tal-kwalitajiet morali għolja ta' żewġha u tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla Omnipotenti. Jekk ir-relazzjoni tiegħu ma' martu mhix tajba, kif jista' jkun fil-paċi m'Alla? Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

**"L-aqwa fostkom huwa dak li**
**jieħu ħsieb l-aktar lil martu."**

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as],
il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Malfuzat*, V. 3, p. 300-301)

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**